**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru : 624/2022**
**Kawza Nru : 20**

**CH**
**Vs**
**KM**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' CH datat 28 ta' Novembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fl-11 Gunju 2011* ***(DOK A)*** *u minn dan iz-zwieg huma ma kellhom erbat itfal;*

2) *Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat nhar it-21 ta' Ottubru 2021 fl-atti tan-nutar Katrin Bartolo* ***(DOK B)*** *b'dana illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien minn Gunju tas-sena 2020;*

3) *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

4) *Illi l-manteniment dovut skont il-kuntratt hawn fuq imsemmi dejjem thallas u ma hemmx arretrati;*

5) *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta‘ Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni, m‘huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

6) *Illi l-esponent qieghed jannetti l-affidavit tieghu bil-Malti* ***(DOK C)***

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta‘ Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta‘ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta’ din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datat 9 ta’ Frar 2023, a fol 39 li taqra hekk:

1. *Illi l-konvenuta ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghal hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-ismemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti kif korrettament serjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tieghu. Illi l-konvenuta qeghda tannetti l-affidavit taghha dwar daqshekk (Dok KM).*

2. *Illi l-konvenuta ma ghandhiex pero tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri peress illi t-talba odjerna giet promossa mir-rikorrent u ghandhom jigu mhallsa minnu.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 32) illi l-kontendenti izzewwgu nhar il-11 ta' Gunju 2011 u minn dan iz-zwieg twieldu erbghat itfal. Ilhom separati permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Ottubru 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Katrin Bartolo. Di piu', sostna illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante illi ilhom jghixu b'mod separat sa minn Gunju 2020. Iddikjara illi ma hemm ebda manteniment dovut.

**L-intimata xehdet** (vide fol 40) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Gunju 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 797/2011 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, kollha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Katrin Bartolo datat 21 ta Ottubru 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 797/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**